MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2345/1999/1

**Donna Caruana**

**Vs**

**Kevin Zarb Cousin**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) f'Malta gie ccelebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti (Dok. "A") liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' l-Att bin-numru ta' Iskrizzjoni ta' elfejn u sitta u tmenin ta' dik is-sena (2086/94);

Premess illi minn dan iz-zwieg il-partijiet baqghu improle;

Premess ukoll illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess ukoll illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew iktar mill-obbligi essenzjali taz-zwieg; u dana kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Premess illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Ottubru 1994 f'Malta huwa null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu dsatax (19) sub-incizi 1(d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Ottubru 1994 huwa null u bla effett skond kif fuq premess, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg li kopja tieghu hi annessa mac-citazzjoni (Dok. "A");

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat il-Verbal ta' l-Udjenza tat-22 ta' Mejju 2000 minn fejn jidher li l-konvenut ammetta ghat-talbiet attrici;

Rat id-digriet tat-22 ta' Mejju 2000 li permezz tieghu giet nominata bhala espert gudizzjarju Dr. Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija espert legali li tinsab a fol. 34 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tal-15 ta' Gunju 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-attrici ntavolat l-azzjoni taghha biex tottjeni dikjarazzjoni illi z-zwieg taghha mal-konvenut, kontrattat fit-30 ta' Ottubru 1994, kien null u bla effett. Hija bbazat it-talba taghha fuq il-premessi ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet;

Essenzjalment ghal dawk li huma provi dak li jirrizulta minnhom huma s-segwenti:-

(a) L-attrici saret taf lill-konvenut fl-eta` tenera ta' 14-il sena u zzewgitu meta kellha 21 sena;

(b) F'dan il-perjodu intqal mill-attrici fl-Affidavit taghha u hekk ukoll jirrizulta mill-Affidavit tal-genituri taghha (fol. 12 u fol. 14) u ta' ohtha (fol. 16), illi l-kontendenti qajla kienu jissocjalizzaw u hajjet l-attrici kienet wahda monotona. Skond l-attrici kien biss bil-bdil ta' l-impjieg li "irrealizzajt kif kien ghamilni f'gagga" u "f'daqqa wahda ridt induq dak li tellifni." Dan b'referenza ghal konvenut li, incidentalment f'dawn il-proceduri baqa' kontumaci;

(c) F'dan il-perjodu wkoll jirrizulta li l-kontendenti kienu spiss jiggieldu, imbaghad jergghu jirrangaw mhux ghax kien hemm xi volonta` qawwija daqskemm l-attrici kienet tissokkombi ghall-pressjonijiet incessanti tal-konvenut biex jirrangaw u ma titilqux. Hi kien jigiha hniena minnu ghax kien jghidilha li jekk thallih "kien joqtol ruhu b'idejh" u ghalhekk fi kliemha stess: "kont inhoss li ma kellix triq li nohrog minnha.";

(d) Hemm imbaghad il-fatt ta' l-atteggjament aggressiv tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici li gieli wkoll refa' jdejh fuqha, liema cirkostanza hi hbietha mill-genituri taghha;

(e) Jezistu indikazzjonijiet cari li l-attrici kienet dejjem tissokkombi ghall-konvenut u dan nonostante li kienet tghidlu li ma tridx tkompli mieghu. Jinhass sew li l-konvenut kien bniedem esageratament geluz, invadenti, dominanti u possessiv;

(f) Jidher li r-reazzjoni ta' l-attrici quddiem is-sitwazzjonijiet li kienet konfrontata bihom kienet wahda ta' biki, tqanqiliet emotivi, u stat konfuz. L-inesperjenza taghha wassal lil missierha biex jistqarr: "*I could not believe that Donna was so blind.*";

(g) Jidher ukoll li kienet il-fehma prevalenti, kemm lejlet, kemm dakinhar stess tat-tieg, u anke wara, li dan kien zwieg li ser ifalli;

(h) Jidher ukoll li l-attrici, ghalkemm gja kellha indizji cari, stenbhet mis-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha meta kien tard wisq. Skond ohtha Graziella Scerri, wara li l-attrici rritornat mill-*honeymoon* "hadet qatgha ghax irrealizzat li kienet mizzewga mieghu ghal ghomorha.";

Quddiem dan il-kwadru xejn roseu din il-Qorti, bhal perit legali, hi moralment konvinta li l-attrici kienet sukkuba tac-cirkostanzi, impreparata, u fi stat konfuzjonali tali li ma tantx, u anzi ma setax, hallilha wisq diskrezzjoni u gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Evidentement iz-zwieg bejn dawn il-kontendenti kellu nieqes minnu l-"*communio vitae*" ossija l-komunjoni tal-hajja bejniethom, element indispensabbli u tant essenzjali tal-hajja mizzewga ("**Micalef -vs- Micallef**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Mejju 1993). Dan kien certament hekk fil-kaz ta' l-attrici, kif rifless mill-provi, gjaladarba kienet ukoll psikikament inkapaci li taghraf u tirrifletti u tiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**Janet**

**Portelli -vs- Victor Portelli**", Prim' Awla Qorti Civili, 14 ta' Gunju 1994; "**Alfred Tonna -vs- Maria Tonna**" Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Jannar 1996), u konsegwentement mhux f'qaghda li tadempixxi l-obbligazzjonijiet assunti b'dan il-kunsens. Mhux difficli fil-fatt il-konsiderazzjoni, hekk manifestament ovvja, illi l-attrici, fil-verita, qatt ma kellha l-vera xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjietha mal-konvenut jew li taghti lilu t-totalita` taghha nnifisha ("**Haidon -vs- Haidon**", Prim' Awla Qorti Civili, 7 ta' Lulju 1994; "**Mary Mustafa Al Muhammed -vs- Mustafa Mustafa Al Mohammed**", Prim' Awla Qorti Civili, 27 ta' Lulju 1999). Tali motivazzjoni kienet assenti;

Dawn huma biss xi ftit osservazzjonijiet li riedet taghmel il-Qorti, u dan b'zieda ma' dawk l-ohra dettaljatament trattati mill-perit legali. Fic-cirkostanzi u fit-termini tal-ligi civili taghna iz-zwieg bejn il-kontendenti qed jigi determinat bhala zwieg null u bla effett. Dan dejjem ai termini tad-dispost tal-ligi fl-Artikolu 19(1)(d);

Il-Qorti tikkondividi pjenament il-konkluzjonijiet tal-perit gudizzjarju in kwantu din cahdet il-motivazzjoni dedotta mill-attrici ghab-bazi tas-subinciz (1)(f) ta' l-Artikolu 19. Effettivament ir-ragunijiet u l-principji legali hemm espressi huma ben impostati u ma jinhassx necessarju li l-Qorti toqghod tiddilunga bosta dwarhom biex b'hekk jigu evitati ripetizzjonijiet inutili u bla bzonn.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u b'hekk tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-30 ta' Ottubru 1994 huwa null u bla effett ghal motivazzjoni dedotta fl-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255). Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 6 tal-process.

Tenut rigward tac-cirkostanzi kollha f'dan il-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

(ft) Philip Sciberras

_________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

_______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur